# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, is-16 ta' Jannar 2025**

**Każ Nru: 41/2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Magri)**

**vs**

**Monique Schleich Da Silva (K.I. 413301A)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata u ċioé:

***talli nhar 14 ta' Jannar 2025 bejn 21 :30hrs u 22 :00hrs gewwa Halycon Appts, Flt 12, Triq il- Marfa, Mellieha***

1. *Kkagunat biza lil* ***Isaac Bonello*** *li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet liema delitt twettaq kontra il-konjugu jew sieheb ta qabel u dan bi ksur ta'*

*artikoli 251(3); 251H; 251HA u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.*

2. *Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta'* **Isaac Bonello ( Sieheb taghha ta' qabel )** *f'periklu ċar hebbejt għal* **Isaac Bonello (Sieheb taghha ta' qabel)** *u kkaġunajtlu offiża ta' natura ħafifa skond kif certifikat minn Dr Alexandra Degiorgio ta centru tas- sahha tal-Floriana liema delitt sar permezz ta theddida ta arma ( sikkina). U dan bi ksur ta' artikolu 214,222(1)(a) 221(1) u 202(h)(l) tal- kodici kriminali ta' Malta.*

*Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-*mori *tal-kawza kontra* **Monique Schleich Da Silva** *ghall-beneficcju ta'* **Isaac Bonello** *u dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-*piena *skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta'* **Monique Schleich Da Silva,** *dan u f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.*

*Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmija persuna thallas id-danni stabbiliti skond l-artiklu 532A tal-Kodici Kriminali.*

Rat li fis-seduta tal-lum[1], l-imputata għażlet li tirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha.

---

[1] Verbal jibda a fol 6 tal-proċess.

Rat li l-istess imputata reġgħet ammettiet l-istess imputazzjonijiet wara li ngħatat żmien xieraq sabiex terġa tikkonsulta mal-avukat difensur tagħha[2].

Rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-prosekuzzjoni.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

1) **Fatti u ammissjoni**

Illi l-fatti ta' dan il-każ jemerġu ċar mid-dokumentazzjoni eżebita u b'hekk ma hemmx ħtieġa ta' ripetizzjoni tal-istess.

Illi l-imputata għażlet li tammetti l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, liema ammissjoni hija għażlet li terġa ttenni wara li l-Qorti wisset lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u wara li ngħatat biżżejjed żmien sabiex treġġa lura minnha.

Illi kkunsidrat dan[3], il-Qorti qiegħda ssib lill-imputata ħatja tal-akkużi dedotti fil-konfront tagħha.

[2] B'hekk ġie segwit dak li jrid l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan wieħed huwa mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **The Police (Insp. Jonathan Ransley) vs Jianlin Shen**, (App Nru: 44/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-10 ta' Ġunju 2022.

[3] Dwar l-effetti tal-ammissjoni fil-kamp penali, wieħed huwa mistieden jara dak awtorevolment deċiż fis-sentenza ċelebri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Cassar Desain**, mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 1962. B'żieda ma dik is-sentenza klassika, wieħed huwa mistieden jara dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija**

2) **Piena**

Illi dwar il-piena, irriżulta li hemm qbil li f'dan il-każ il-Qorti għandha tħares lejn il-minimu possibbli u li piena karċerjarja m'hijiex waħda idonja fiċ-ċirkostanzi. Il-Qorti, wara li rat il-fedina penali tal-imputata, u l-fatt li jidher li din kienet okkażjoni ta' darba meħud in kunsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputata ammettiet mal-ewwel okkażjoni, tqis ukoll li f'dan il-każ il-piena għandha tkun waħda lejn il-minimu.

3) **Konklużjoni**

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 202(h), 202(h)(i), 214, 221(1), 222(1)(a), 251(3), 251H, u 251HA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha u konsegwentement tikkundannaha għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija. Madanakollu, għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, qiegħda tordna li, a tenur tal-artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dan it-terminu m'għandux jibda jseħħ sakemm il-ħatja ma tikkommettix reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, fi żmien sena (1) m'illum.

Illi a tenur tal-artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar, ir-responsabbiltà tagħha taħt l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk hija tikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija matul il-perjodu operattiv.

---

**vs Andre Falzon,** (App Nru: 385/2015) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) mogħtija nhar id-19 ta' Novembru 2015 u dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa,** (App Nru: 99/2017) mogħtija wkoll mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Ottubru 2017.

Illi in oltre, il-Qorti qiegħda a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħatja a favur ta' Isaac Bonello u dan għal żmien sentejn m'illum.

Illi l-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet relattivi għall-artikolu 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, billi ma jirriżultax il-ħtieġa tal-istess.

Illi l-Qorti, qiegħda tiċħad it-talba għal-ispejjeż a tenur tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li ma jirriżultax li hemm lok għal ħlas ta' danni.

Il-Qorti finalment tordna, fi kliem l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol m'illum, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur